Diff: 19/04/2002

**TRIBUNAL GHAT-TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR:**
**DR Audrey J. Demicoli LL.D.**

**Avviz. numru 354/01AJD**

**Jesmond Attard**

**vs**

**Salvu Cassar et**

**Seduta mizmuma illum it-Tlieta, 26 ta' Marzu, 2002.**

**Salvu Cassar l-konvenut minn jeddu bil-Malti bil-gurament tieghu jghid:**

**Jiena ghadni kemm smajt lill-attur jixhed in kontro-ezami.**

**Nichad kattigorament li jiena qatt ma gejt muri hsara fil-vettura tal-attur.  Nghid illi fl-unika okkazzjoni li l-attur gie fil-garaxx tieghi sabiex ikellimni dwar il-hsara li giet ikkawzata fil-vettura tieghu.  Jiena kont staqsejtu fejn hi l-vettura, u huwa kien irrissponda li ma kienx gie b'din il-vettura.**

**Nghid ukoll li din l-okkazzjoni jiena kont baghtu sabiex jkellem lit-tifel ta' sid iz-ziemel u cioe lil Anglu Vella. Naf li l-attur kien mar sabiex jkellem lil Anglu Vella u kien gie ftit wara, u kien nfurmani illi dan Vella ma kienx qieghed fejn jiena kont baghtu. Naf illi dak in-nhar li kien gie jkellimni l-attur kien gie b'jeep bajda.**

**Kontro-ezami.**

**Jiena gieli effetwajt xi riparrazzjonijiet fuq din il-jeep il-bajda. Ma niftakarx in-numru tar-registrazzjoni ta' din il-vettura.**

**Nikkonferma li jiena kont accettajt li nhallas lill-attur tal-hsara li kellu fuq il-vettura tieghu. Nixtieq nzid nghid li jiena kont accettajt li nirrangalu sabiex jithallas minghand is-sid taz-ziemel.**

**Din hija s-sustanza tax-xhieda tal-konvenut Salvu Cassar dettata mit-Tribunal fil-presenza tal-istess xhud.**

**Niddikjara li ttraskrivejt fis-sewwa u fedelment u fl-ahjar taghrif u hila tieghi r-registrazzjoni tat-tape.**

**Lorianne Camilleri**
**Traskrittur**